*6 ta' Lulju, 2011*

63/2011

**L-ARĊISQOF JILTAQA' MAL-MISSJUNARJI MALTIN LI JINSABU MALTA**

Is-Segretarjat għall-appostolat tal-emigranti, li fergħa minnu hija responsabbli mis-Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna (*Secretariat for Maltese Priests Overseas*, SMPO) ser jorganizza laqgħa ma' l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. għall-missjunarji reliġjużi u lajċi li jkunu Malta għall-ġranet ta' mistrieħ. Din il-laqgħa se ssir nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju, 2011, fl-4:30pm f'Dar l-Emigrant, il-Belt.

Il-laqgħa mas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi Maltin ilha ssir kull sena għal dawn l-aħħar 50 sena b'apprezzament għall-ħidma li huma jwettqu fl-artijiet tal-missjoni barra minn Malta. F'din il-laqgħa, il-missjunarji jkollhom l-opportunita' jagħtu tagħrif dwar l-esperjenzi tagħhom fil-ħidma pastorali u missjunarja li qed iwettqu.